



12.3.2012

0011/2012

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

impressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-istabbiliment ta' ġimġha Ewropea ta' tqajjim ta' kuxjenza dwar l-arrest kardijaku

**Antigoni Papadopoulou, João Ferreira, Jim Higgins, Antonia Parvanova,
Raül Romeva i Rueda**

Data ta' skadenza: 14.6.2012

0011/2012

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-istabbiliment ta' ġimgħa Ewropea ta' tqajjim ta' kuxjenza dwar l-arrest kardijaku

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - A. billi fl-Ewropa madwar 400 000 persuna kull sena tbatu minn arrest kardjaku f'daqqa li jseħħ barra l-isptar, b'rata ta' sopravivenza ta' inqas minn 10 %;
 - B. billi s-sopravivenza ta' ħafna vittmi li jkunu jidhru b'saħħithom tiddependi mir-risuxxittazzjoni kardjopulmonari amministrata mill-persuni fil-qrib u d-defibrillazzjoni bikrija, u billi l-intervent fl-ewwel 3 sa 4 minuti jista' jżid l-opportunità ta' sopravivenza għal iktar minn 50 %;
 - C. billi fl-Ewropa, il-programmi ta' defibrillaturi esterni awtomatizzati huma implimentati parzjalment biss;
1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iħeġġu:
 - l-adozzjoni ta' programmi komuni għall-implimentazzjoni tad-defibrillaturi esterni awtomatizzati f'postijiet pubbliċi u għat-taħriġ tal-persuni lajki fl-Istati Membri kollha,
 - l-aġġustament tal-leġiżlazzjoni sabiex tkun iffaċilitata r-risuxxittazzjoni kardjopulmonari u d-defibrillazzjoni minn persuni mhux mediċi,
 - il-ġbir sistematiku tad-data għall-feedback u l-ġestjoni tal-kwalità f'kull programm;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu ġimgħa Ewropea ta' tqajjim ta' kuxjenza dwar l-arrest kardijaku mmirata lejn it-titjib tal-kuxjenza u l-edukazzjoni tal-pubbliku ġenerali, tat-tobba u tal-professjonisti tas-saħħa;
 3. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fl-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' strateġiji nazzjonali għal aċċess ugwali għal risuxxittazzjoni kardjopulmonari ta' kwalità għolja;
 4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw leġiżlazzjoni armonizzata fl-UE kollha sabiex jipprovdu l-immunità mir-responsabilità għall-persuni mhux mediċi li jirreaġixxu l-ewwel biex joffru l-assistenza volontarja f'emerġenzi kardijaki;
 5. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-parlamenti tal-Istati Membri.